# DAN IL-PROGRAMMM

**Ta' Oliver Friggieri.**

Met' għad naraw id-dwal ta' fuq ix-xefaq
jintfew bil-mod wara xulxin u aħna
nibqgħu inħarsu mingħajr sens madwarna
fid-dlam ta' din ix-xmara b'ilma qiegħed, ...
Met' għad nisimgħu l-aħħar żiffa tonfoħ
għalxejn ġo ħalqna w il-kordi vokali
jinbarxu biex nokorbu flok nitkellmu, ...
Met' għad jitbiegħdu minna l-ħsejjes qodma
u nidħlu nkiss inkiss f'deżert komuni
ta' folol li jiftiehmu bis-sinjali, ...
Met' għad nixtiequ l-ġmiel ta' mara sħuna
biex tqabbad fina n-nar ta' ftit sekondi,
u nkunu ksaħna daqs l-irħam ta' qabar, ...
Met' għad inħarsu miblugħin fil-mera
u ma nħobbux il-wiċċ ta' mitt tikmixa, ...

Ikun intemm dan il-Programm sa fl-aħħar,
u mbagħad ħaġa ħafifa għalina nimxu
b'rasna baxxuta 'l barra mit-teatru.